MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 62/2009

**Alvin Borg (karta ta' l-identita` numru 327182 (M)) u martu Maria Ursula Borg (karta ta' l-identita` numru 251082 (M))**

**vs**

**Enemalta Corporation u Gasco Energy Limited ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat fuq indikat datat it-22 ta' Jannar, 2009, li permezz tieghu sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi fil-21 ta' Gunju, 2007, sofrew spluzjoni ta' gas fir-residenza taghhom, "Madonna ta' Pinu", Triq Luigi Fontana, Haz-Zebbug;

1.2 Illi kagun tal-istess spluzjoni Alvin Borg sofra griehi gravissimi u sofra hruq ta’ tlieta u tletin (33) fil-mija u kien f’kondizzjoni serjissima;

1.3 Illi mill-process verbal tal-inkjesta dwar l-imsemmija spluzjoni jirrizulta li din kienet konsegwenza ta’ “*leakage*” ta’ gas li hareg mic-cilindru li ma kienx qed jintuza li kien mahzun fil-gallarija moghttija tar-residenza *de quo*, adjacenti mal-kamra tas-sodda li per konsegwenza, wkoll hadet in-nar;

1.4 Illi rizultat tal-istess spluzjoni saret ukoll hsara strutturali fl-istess residenza fuq indikata, (ara paragrafu wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel, inkluz ukoll hsarat f’diversi mobbli, bibien u oggetti ohra li gew valutati fl-ammont ta’ sebat elef, tmien mija u disgha u erbghin Ewro u sebgha u sebghin centezmu, (€7,849.77), apparti mobbli ohra li inharqu;

1.5 Illi l-ispluzjoni tac-cilindru sehhet minhabba difett li seta’ kellu dan l-istess cilindru kif mahrug mis-socjetajiet intimati li skont il-Magistrat Inkwirenti kellu “*wheel valve*” miftuh li tieghu ir-rikorrenti assolutament ma jahtu xejn;

1.6 Illi kagun tal-istess incident ir-rikorrenti tilfu wkoll is-salarji taghhom ghal aktar minn xahrejn (2) u nofs (1/2) stante waqt li Alvin Borg kien rikoverat l-Isptar San Luqa ma kienx qed jircievi l-paga tieghu, u martu Maria Ursula kienet kostretta tiehu “*unpaid leave*” biex setghet tiehu hsieb lil zewgha u lill-familja stante li baqghet timmedikah ghaliex hi infermiera u omm ta’ tifel ta’ tmien (8) xhur;

1.7 Illi sal-lum l-imsemmi Alvin Borg ikollu jilbes “*pressure garments*” minhabba li zviluppalu kondizzjoni maghrufa bhala “*hyperthrophic*” ghal ghomru u ghandu l-movimenti tal-gogi tieghu limitati;

1.8 Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti aderew lil din il-qorti biex l-intimati jghidu ghaliex din m’ghandhiex:

1.8.1. Tiddikjara li l-ispluzjoni tal-gas li sehhet fir-residenza tar-rikorenti fil-21 ta' Gunju, 2007, hi responsabbilita` tas-socjetajiet intimati;

1.8.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, kemm dawk strutturali, hsarat mobbiljari, telf ta' flus u spejjez relatati mal-fejqan ta' l-intimat Alvin Borg, inkluz dik dwar il-likwidazzjoni tad-dizabilita` li hu ghadu jsofri minnha;

1.8.3. Tikkundanna lis-socjetajiet intimati, jew min minnhom, li jhallsu d-danni hekk likwidati;

1.8.4. Bl-ispejjez;

2.0. Rat ir-risposta tal-korporazzjoni intimata datata iz-17 t' Frar, 2009, li permezz taghha sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi l-Korporazzjoni intimata mhix responsabbli ghall-incident in dizamina;

2.3. Illi l-Korporazzjoni tiehu l-passi kollha necessarji biex tizgura li c-cilindri johorgu mill-istallazzjoni taghha minghajr difett, "*leakage*" jew nuqqas;

2.4. Illi l-Korporazzjoni intimata ma tistax tinstab responsabbli ghall-akkadut stante li m'ghandhiex kontroll fuq dak li jigri mic-cilindri wara li jitilqu mill-pussess taghha;

2.5. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

3.0. Rat ir-risposta tas-socjeta` Gasco Energy Limited datata t-2 ta' Gunju, 2009, li permezz taghha wiegbet sintetikament bil-mod segwenti:

3.1. Illi s-socjeta` intimata *de quo* mhix il-legittimu kontradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3.2. Illi l-istess socjeta` intimata m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u lanqas seta' jkollha tali relazzjoni stante li fiz-zmien tal-incident lanqas biss kienet ghadha giet inkorporata;

3.3. Illi t-talbiet tar-rikorenti huma infondati fil-konfront taghha u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

3.4. Illi di fatti din is-socjeta` la kienet involuta u lanqas setghet tkun involuta fl-incident in dizamina ghaliex fiz-zmien tal-incident ma kinitx inkorporata;

3.5. Illi s-socjeta` intimata ma assumiet l-ebda obbligu li taghmel tajjeb ghall-incident *de quo*;

3.6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

4. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-2 ta' Gunju, 2009, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikat biex jisma' l-provi kollha tal-kawza, (ara fol 42);

5. Rat id-digriet tal-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti datat it-13 t'April, 2011, li permezz tieghu ghar-raguni hemm indikata hatret perit legali in sostituzzjoni tal-assistent gudizzjarju hemm riferit, (ara fol 59);

6. Rat ir-relazzjoni peritali li giet mahlufa u pprezentata in atti fil-31 ta' Jannar, 2013, (ara fol 102 *et sequitur*);

7. Rat in-nota tal-korporazzjoni intimata datata t-13 ta' Mejju, 2013, li permezz taghha ipprezentat domandi in eskussjoni tal-perit legali *de quo*, (ara 196);

8. Rat ir-risposti guramentati tal-perit legali *de quo* datati l-4 t'April, 2013, (ara fol 200);

9. Ezaminat id-dokumentazzjoni kollha fil-process;

Ikkonsidrat:

10.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

10.1. Illi fil-21 ta' Gunju, 2007, sploda c-cilindru tal-gas fir-residenza tar-rikorrenti "Madonna ta' Pinu", Triq Luigi Fontana, Haz-Zebbug;

10.2. Illi konsegwentement inhatret inkjesta magisterjali;

10.3. Illi skont l-espert tekniku hemm mahtur irrizulta li l-ispluzjoni in dizamina kienet rizultat ta':

"akkumulu ta' gas tat-tip LPG … fil-fond, liema gas ingabar fil-post wara li … hareg minn cilindru li kien mahzun fil-gallarija mghottija (setah) tal-post … adjacenti mal-kamra tas-sodda li qabdet";

10.4. Illi effettivament il-gas in kwistjoni hareg mic-cilindru ghaliex: (ara fol 110)

10.4.1. "il-*wheelvalve* tac-cilindru … x'aktarx … ma kienx maghluq ghal kollox";

10.4.2. "it-tapp li jehel mal-*wheelvalve male connection* kien maqsum u mhux issikkat fil-post u b'hekk ma zammx milli johrog il-gass li kien hemm fic-cilindru";

10.5. Illi ghal dak li jirrigwarda l-feriti sofferti mir-rikorrenti Alvin Borg, l-espert mediku nominat sintetikament jirrelata is-segwenti:

10.5.1. Illi dan sofra "*partial thickness burns*" ta' madwar tlieta u tletin (33) fil-mija b'*areas* ta' *erythema*;

10.5.2. Illi rizultat tal-ispluzjoni kien qed isofri minn kondizzjoni serja;

10.5.3. Illi l-medici kuranti kienu kostretti jdahhlu lir-rikorrenti fit-taqsima tal-Kura Intensiva sakemm il-kondizzjoni tar-rikorrenti qalbet ghall-ahjar;

10.6. Illi l-fattispeci tal-indicent *de quo* jistghu jigu elenkati bil-mod segwenti:

10.6.1. Illi fil-gurnata tal-incident ir-rikorrenti dahal id-dar ghall-habta tas-6.15 ta' filghaxija, beda jsajjar u mar ibiddel;

10.6.2. Illi xamm riha ta' gass u meta mar fil-veranda interna ra t-tank tal-gass b'kulur qisu bajdani fuqu;

10.6.3. Illi meta fetah il-bieb tal-veranda u beda jersaq lejn it-tank li kien hemm hass thezziza u shana qawwija;

10.6.4. Illi ghalhekk telaq jigri 'l barra waqt li l-kamra tas-sodda kienet qed tiehu n-nar;

10.6.5. Illi konsegwenza tal-istess sofra id-danni ingenti fuq gia` riferiti (ara paragrafu numru ghaxra punt hamsa punt wiehed, (10.5.1.), aktar qabel);

10.7. Illi rizultat tal-istess spluzjoni r-rikorrenti sofra *second* u *third grade burns* u *enithema*;

10.8. Illi llum l-istess rikorrenti ghad ghandu *hyperthropic scars*, u jistax joqghod fix-xemx, u ghadu sallum jiehu medicina u japplika kremi adegwati;

10.9. Illi peress li rizultat tal-hruq li sofra ir-rikorrenti ghadu ma jistax inizzel is-swaba' ta' saqajh totalment peress li ingibdet il-gilda;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi rigward it-tank tal-gass in dizamina jirrizulta s-segwenti:

11.1. Illi dan kien inxtara minghand distributur tal-gass;

11.2. Illi dan kien inxtara xi gimghatejn (2) jew tlieta (3) qabel sploda;

11.3. Illi kien ittella’ fil-veranda fejn sploda mill-istess rikorrenti;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi rigward is-socjeta` intimata Gasco Energy Limited ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

12.1. Illi s-socjeta` *de quo* issostni li m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u lanqas kellha din ir-relazzjoni fiz-zmien tal-incident stante li lanqas biss kienet registrata jew inkorporata;

12.2. Illi in effetti din l-istess socjeta` kienet registrata ufficjalment fir-registru appozitu fit-22 t’Awwissu, 2008;

12.3. Illi fil-ftehim konkluz bejn l-intimati, il-korporazzjoni intimata accettat li kienet ser tibqa’ unikament responsabbli ghall-“*liabilities*” li kellha l-istess korporazzjoni;

12.4. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li:

12.4.1. Is-socjeta` intimata ma assumiet l-ebda obbligu tal-Korporazzjoni *de quo*;

12.4.2. Is-socjeta` intimata lanqas kienet biss inkorporata fiz-zmien tal-incident;

12.5. Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata hi wahda fondata, (ara paragrafu tlieta (3) aktar qabel);

12.6. Illi konsegwenza tal-istess is-socjeta` intimata “*Gasco Energy Limited*” ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Ikkonsidrat:

13.0. Illi rigward ir-responsabbilita` tal-Korporazzjoni intimata rigward l-idoneita` tac-cilindru *de quo*, jinghad sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi l-korporazzjoni *de quo* issostni li c-cilindru in kwistjoni hareg minghandha wara li kien sottomess ghat-testijiet appoziti u ghalhekk kien rilaxxat fi stat tajjeb ghall-uzu indikati;

13.2. Illi r-rikorrenti pero` jsostnu li in effetti l-istess cilindru kien ghadu qatt ma intuza u kien wiehed “*spare*”;

Ikkunsidrat:

14.0. Illi rigward ir-responsabbilita` in dizamina ghandu jinghad is-segwenti:

14.1. Illi hu principju ormai stabbilit li kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htijietha;

14.2. Illi hu meqjus responsabbli t’eghmilu kull min ma juzax il-prudenza, ghaqal u hiseb ta’ missier tajjeb tal-familja;

14.3. Illi konsegwentement jiskatta l-obbligu li wiehed allura jkun irid jaghmel tajjeb ghall-hsara li ikkaguna;

14.4. Illi pero` hsara ikkagunata b’accident jew b’forza magguri jbatiha dak li jissubixxi tali hsara – sa kemm il-ligi ma’ tghidx mod iehor;

14.5. Illi kif ritenut fil-kawza **Calafato vs Grech, Qorti tal-Appell, datata t-23 ta’ Novembru, 1921, (Vol. XXIV. I. 894)**:

“ … quando in un giudizio di risarcimento di danni l’attore allega d’aver sofferto il danno di cui reclama la rifozione, per colpa del convenuto, egli e’ nell’obbligo di provare un fatto ed una amissione che porti insita la prova della colpa che egli inputa al convenuto … poiche` la colpa e` un

ipotesi guiridica e generica finche` sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili. Occorreva quindi che nella causa fosse risultata la colpa specifica dell convenuto, consistente in un fatto o una amissione …";

14.6. Illi konsegwentement minn jallega li garrab dannu jrid jipprova kemm l-att u/jew l-ommissjoni, (ara **Bezzina vs Galea, Qorti ta' l-Appelli Kriminali, datata t-23 ta' Novembru, 1984**);

14.7. Illi fir-rigward jinghad is-segwenti:

14.7.1. Illi l-ispluzjoni sehhet wara akkumulu ta' gass li hareg mic-cilindru fuq riferit li kellu l-*wheel valve* mhux maghluq ghal kollox u bit-tapp maqsum u mhux issikkat f'postu;

14.7.2. Illi l-espert tekniku involut jirrileva li hu improbabbli li t-tapp jinqasam bil-pressa tal-gass;

14.7.3. Illi skont l-istess espert il-*leakage* in kwistjoni kienet gia` attiva qabel ma r-rikorrenti wasal id-dar u beda jsajjar, possibilment anke ghal hin twil;

14.7.4. Illi peress li gie kkonstatat li c-cilindru kellu circa 1.4. kilos ta' LPG nieqas minnu, allura l-*leakage* riskontrat kien ilu attiv ghal madwar saghtejn (2) u nofs (1/2);

14.7.5. Illi anke jekk ghal grazzja tal-argument il-*wheel valve* infetah accidentalment, dan jaggrava ir-responsabbilita` tal-Korporazzjoni intimata stante li dan qatt m'ghandu jinfetah accidentalment;

14.7.6. Illi *di piu`*, skont l-espert tekniku nominat, jirrizulta li l-kondizzjoni tat-tapp tac-cilindru *de quo* ma kienitx toffri eghluq sodisfacenti, (ara pagna 8 tar-Rapport tal-Professur Alfred Briffa);

14.7.7. Illi ta' dan hi responsabbli l-korporazzjoni intimata;

Ikkonsidrat:

15.0. Illi rigward id-danni rikjamati mir-rikorrenti jinghad is-segwenti:

15.1. Illi ghalkemm accennati, ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova rigardanti d-danni strutturali subiti u d-danni ikkagunati lill-mobbli fir-residenza *de quo*;

15.2. Illi jirrizulta pero` li r-rikorrenti kienu risarciti fir-rigward mis-socjeta` assikuratrici taghhom, ghalkemm jirrizulta wkoll li hargu erbat elef Liri Maltin, (LM4,000.00), stante li ma kienux koperti;

15.3. Illi ghalhekk, stante n-nuqqas ta’ provi fir-rigward, din il-qorti taqbel pjenament mal-konkluzjonijiet tal-perit legali involuta li r-rikorrenti naqsu li jressqu l-provi taghhom fir-rigward u ghalhekk mhix f’pozizzjoni li tillikwida xi ammont f’dan ir-rigward;

15.4. Illi rigward it-telf ta’ qliegh sofferti mir-rikorrenti jirrizulta s-segwenti:

15.4.1. Ir-rikorrenti Alvin Borg dam madwar tlett (3) xhur u nofs (1/2), ma jahdimx minhabba l-incident;

15.4.2. Ir-rikorrenti Maria Ursula Borg kienet kostretta tiehu tlett (3) xhur *unpaid leave* biex tiehu hsieb lil zewgha u ddur bil-familja;

15.4.3. Illi dawn ma gewx kontestati mill-Korporazzjoni intimata;

15.4.4. Illi rigward it-telf ta’ xoghol tar-rikorrenti Alvin Borg mhix f’pozizzjoni tillikwida d-danni sofferti stante li ma ngabet l-ebda prova jekk dan kienx qed jircievi l-paga kollha jew parti minnha, jew addirittura kienx ukoll qed jippercepixxi xi beneficji ohra;

15.4.5. Illi rigward ir-rikorrenti Maria Ursula Borg jirrizulta s-segwenti:

15.4.5.i. Illi damet nieqsa mix-xoghol mid-data tal-incident sal-bidu ta’ Settembru, 2007;

15.4.5.ii. Illi din il-qorti taghmel taghha l-kalkolu tal-perit legali nominata u tistabbilixxi l-ammont dovut lir-rikorrenti *de quo* fl-ammont ta’ tlett elef, mitejn u wiehed u sebghin Ewro u ghaxar centezmi, (€3,271.10), (ara fol 118);

15.4.6. Illi rigward il-*lucrum cessans* rikjamat mir-rikorrenti din il-qorti taqbel mal-konkluzjonijiet u argumentazzjonijiet tal-istess perit legali nominata u a skans ta’ dilungar inutili taghmilhom taghha u qieghda hawn tadotthom *in toto*;

15.4.7. Illi ghalhekk tillikwida dan l-ammont ta’ *lucrum cessans* fl-ammont ta’ hamsa u sittin elf, erba’ mija u sebgha Ewro u tmienja u sittin centezmu, (€65,407.68);

**DECIDE:**

16.0. Illi konsegwentement, in vista tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi fil-konfront tal-Korporazzjoni EneMalta, izda mhux fil-konfront tas-socjeta` *Gasco Energy Limited* u ghalhekk, filwaqt li tirrespingi r-risposti tal-Korporazzjoni intimata takkolji r-risposta tas-socjeta` intimate l-ohra Gasco Energy Limited fuq indikata u takkolji wkoll t-talbiet tar-rikorrenti, u konsegwentement, ghar-ragunijiet fuq espressi:

16.1. Tillibera lis-socjeta` intimata *Gasco Energy Limited* mill-osservanza tal-gudizzju;

16.2. Illi fil-kumplament tiddikjara li l-ispluzjoni tal-gass li sehhet fir-residenza tar-rikorrenti “Madonna ta’ Pinu”, Triq Luigi Fontana, Haz-Zebbug, fil-21 ta’ Gunju, 2007, hi responsabbilita` tal-Korporazzjoni intimata EneMalta;

16.3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti konjugi Borg fl-ammont komplessiv ta’ tmienja u sittin elf, sitt mija u tmienja u sebghin Ewro u tmienja u sebghin centezmu, (€68,678.78), kif relatat mill-espert legali nominata;

16.4. Tikkundanna lill-Korporazzjoni EneMalta biex thallas lir-rikorrenti konjugi Borg fuq indikati l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti;

16.5. Illi rigward l-ispejjez ta’ din il-procedura, din il-qorti taqbel ukoll mal-konstatazzjoni sollevata mill-espert legali *de quo*, u konsegwentement, filwaqt li tiddikjara li qed taghmel taghha wkoll l-istess konkluzjoni tal-espert legali fir-rigward, tordna li l-ispejjez kollha ta’ din il-procedura jkunu a karigu tal-Korporazzjoni intimata fuq indikata.

____________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------